**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 11 ta' Lulju, 2019

Rikors Nru : 294/17 AL

**A B**

**-vs-**

**C D E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

(1) Illi l-partijiet izzewgu fir-Registru Pubbliku, il-Belt, Valletta, Malta fis-dsatax ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta (19/11/2003) u mir-relazzjoni taghhom ma kienx hemm tfal, liema certifikat taz-zwieg qed jigi mehmuz u immarkat bhala Dok "A";

(2) Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni (Att numru 104 Insinwat : 53/2010 fil-05/01/2010) maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Roland J. Wadge LL.D. ta' 91, Tarxien Road, Paola, TXN 1091, Malta,

datat tnax ta' Novembru, tas-sena elfejn u disgha (12/11/2009) u li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok "B";

(3) Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi dawn ilhom separati minn xulxin ghal aktar minn sebgha (7) snin u illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

(4) Illi l-partijiet m'ghandhom ebda obbligu li jmantnu lil xulxin u dan peress illi permezz tal-istess kuntratt ta' separazzjoni personali taghhom huma isseparaw minn ma xulxin u illiberaw lil xulxin mill-obligazzjoni reciproka tal-koabitazzjoni u assistenza (kundizzjoni numru wiehed (1) tal-kuntrat tas-separazzjoni personali);

(5) Illi l-partijiet qablu wkoll (fil-kundizzjoni numru hdax (11) fil-kuntratt ta' separazzjoni personali) illi ghalkemm ir-ragel qed jirrinunzja ghad-dritt tieghu li jitlob manteniment mill-mara, ir-ragel qed jaghti lill-mara, li hi taccetta, manteniment fl-ammont ta' mitejn u tlieta u tletin ewro (233 ewro) fix-xahar ghal hames snin. Ir-ragel kien se jiddepozita dan l-ammont f'kont bankarju li kien se jigi indikat lilu mill-mara. Il-partijiet konjugi Ellul qablu li s-somma imsemmija hawn fuq fil-kuntratt bhala manteniment, ma tigix imhallsa u moghtija lill-mara, jekk il-mara tkun sapportata bi kwalsiasi mod minn terza persuna;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(1) Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tiddikjara bhala mahlul iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fis-dsatax ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta (19/11/2003) fir-Registru Pubbliku, il-Belt, Valletta; u

(2) Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien qasir u prefiss minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-Qorti ai termini tal-Artikolu 66A (4) tal-Kodici Civili Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimata in subizzjoni;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti;

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Settembru, 2017 ;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma pprezentatx risposta u ma dehritx għal dawn il-proċeduri ;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti ssodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jigi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-5 ta' Jannar, 2010 ;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;